# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1242/12/2 GM**

**Giuseppe sive Joseph Camilleri**

**v.**

**Joseph Camilleri u b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2020, ġie msejjaħ fil-kawża l-Uffiċju Konġunt**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta t-talba tal-attur għat-tħassir tas-sentenza li din il-Qorti tat fit-23 ta' Frar, 2022 ("sentenza attakkata") li biha ġie miċħud l-appell tal-istess attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 2021, u sabiex issir ritrattazzjoni. L-attur ibbaża

t-talba fuq l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 u jallega li s-sentenza attakkata hi milquta minn żball ta' fatt.

Preliminari

2. Il-kawża oriġinali nbdiet b'rikors maħluf ippreżentat fl-14 ta' Diċembru, 2012. L-isfond fattwali ġie spjegat hekk fis-sentenza attakkata:

> *"8. Fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur sostna li hu inkwilin rikonoxxut mill-Gvern ta' <u>żewġ</u> biċċiet art adjaċenti għal xulxin:*
>
> *(i) Waħda li għandha forma rettangolari u bin-numru ta' referenza A/2693/1997 magħrufa bħala 'Għalqa Ħbula ta' Ġiovaddu', id-Dokkiena, fin-Naxxar, bi qbiela ta' €19.80 fis-sena;*
>
> *(ii) Oħra b'forma aktar kwadra u bin-numru ta' referenza A/2128/1997 magħrufa bħala 'Għalqa ta' Taxi' jew 'ta' Wied Ħattiek', (magħrufa mal-Uffiċċju Konġunt ukoll bħala "Ta' Pannelli") bi qbiela ta' €18.63 fis-sena.*
>
> *9. Iż-żewġ porzjonijiet art huma delinejati bl-aħmar f'pjanta annessa mar-rikors promutur, immarkata Dok JC3. Fl-istess pjanta l-attur indika ukoll b' kuluri differenti diversi partijiet tal-istess art li skontu huma illegalment okkupati minn membri differenti tal-familja tiegħu. Għalhekk, fetaħ din il-kawża, kif ukoll tliet kawżi oħra, kontra l-familjari rispettivi sabiex jiġu żgumbrati mill-istess.*
>
> *10. Il-parti rilevanti ta' Dok. JC3 hi riprodotta hawn taħt:*

*'Għalqa Ħbula ta' Ġiovaddu' id-Dokkiena (A2693/1997)* →



*'Għalqa ta' Taxi/ ta' Wied Ħattiek/ Ta' Pannelli (A2128/1997).* ←

*11. Il-partijiet kuluriti bl-<u>isfar</u> huma l-mertu tal-kawża in eżami li skont l-attur huma okkupati mill-konvenut bla titolu. Il-konvenut hu l-kuġin tal-attur u iben Giuseppe Camilleri, li kien ħu missier l-attur.*

*12. Il-partijiet fl-imsemmija erba' kawżi huma kollha dixxendenti ta' Paolo Camilleri, il-gabillott oriġinali, bil-mod segwenti:*




> *Il-konvenuti fl-erba' kawżi huma hawn senjalati bil-kuluri użati mill-attur f' Dok JC3.*

*13. Fl-erba' kawżi l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur fir-rigward l-għalqa 'ta' Taxi' sive ta' 'Wied Ħattiek' wara li kkonkludiet li l-attur ma ressaqx prova li missieru kien ċeda l-qbiela favur tiegħu, kif ukoll li mhuwiex l-inkwilin rikonoxxut mill-Uffiċċju Konġunt."*

3. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-4 ta' Awwissu, 2021, l-attur appella u talab lil din il-Qorti:

> *"sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, tal-15 ta' Lulju 2021, fl-ismijiet premessi, inkwantu laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, u ċaħdet it-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tipprovdi minflok, billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawża, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat u l-kjamat fil-kawża."*

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar, 2022, din il-Qorti ċaħdet l-appell tal-attur bl-ispejjeż kontrih.

5. Sa fejn rilevanti għar-rikors in disamina, il-motivazzjonijiet li ngħataw fis-sentenza attakkata kienu s-segwenti:

> *"16. Il-Qorti tqis li l-aggravji kollha tal-attur, permezz ta' liema sostanzjalment għadu jsostni illi hu l-inkwilin rikonoxxut mill-kjamat fil-kawża tal-għalqa 'ta' Taxi' sive 'ta' Wied Ħattiek', ma jistgħux iwasslu sabiex jiġi ddikjarat li hu l-inkwilin rikonoxxut tal-art in kwistjoni. L-attur ibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq il-premessa li "huwa l-inkwilin rikonoxxut mill-Gvern (l-Uffiċċju Konġunt)". Madankollu din il-premessa ġiet kontestata mill-kjamat in kawża li ddikjara li għal dak li jirrigwarda l-art magħrufa bħala 'Għalqa ta' Taxi' jew 'ta' Wied Ħattiek', is-Salina, San Pawl il-Baħar, it-titolu li jippretendi l-attur ma jeżistix.*[1]
>
> *17. F'affidavit ta' Martin Bajada (direttur tal-Inspectorate, Enforcement and Compliance Department) ġiet spjegata l-pożizzjoni tal-Uffiċċju Konġunt relattiva għall-art ta' Taxi (Lands File No: A2128/97):*
>
> > *"..., jidher illi fil-file relattiv ma nstabet ebda dikjarazzjoni ta' ċessjoni tal-qbiela minn individwi, u għalkemm l-irċevuti joħorġu fuq persuni partikolari, ma jfissirx illi tali individwi se jiġu rikonoxxuti, iżda ssir bħallikieku dawn l-individwi jkunu qed iħallsu l-qbiela f'isem dik il-persuna li fil-verita jkollha titolu rikonoxxut. Skont il-Property Form, li permezz tagħha l-art ġiet trasferita mis-Santa Sede lill-Gvern ta' Malta, hawn annessa u mmarkata bħala Dok B, l-art qegħda f' isem John (Gianni) Camilleri, wlied Paolo Camilleri. Inoltre, fuq din l-art ma saret ebda talba għal rikonoxximent, madanakollu jidher illi hemm Correction Sheet (Dok C) li turi li l-art għadha f'isem John Camilleri (K.I. 721224M). Il-missier seta' jgħaddi l-art lil uliedu x'hin irid sabiex jiġu rikonoxxuti taħt il-Kap. 199, iżda dan ma jidhirx li seħħ għax imkien ma jirriżulta li sar xi trasferiment tal-file relattiv."*[2]
>
> *18. Skont l-attur, missieru ċeda favurih il-qbiela tal-għalqa 'ta' Taxi' sive 'ta' Wied Ħattiek' fl-1993.*[3] *Madanakollu l-ebda dikjarazzjoni f'dak is-sens ma nstabet fil-files tal-Uffiċċju Konġunt li qiegħed jistrieħ fuq l-informazzjoni li hemm fil-property form li saret meta l-art in kwistjoni kienet għaddiet lill-Gvern mingħand il-Knisja. L-istess dokument isejjaħ lil John Camilleri*[4] *u ċertu Manuel, brother of John, son of Paolo*[5] *għalkemm Osterios Aquilina xehed illi l-Kurja kienet għamlet*

[1] Fol. 739, 740 u l-affidavit ta' Martin Bajada a fol. 766 et seq.
[2] Fol. 766 – 7.
[3] Fol. 66 tal-proċess numru 1244/2012.
[4] Missier il-partijiet li miet fis-16 ta' Jannar 2011.
[5] Fol. 51.

*korrezzjoni fis-sens illi l-gabillott rikonoxxut huwa John Camilleri waħdu.*[6]

*19. Jirriżulta mill-atti li minkejja dan, l-attur ħallas il-qbiela għall-istess art, identifikata fl-irċevuti maħruġa mid-Dipartiment tal-Proprjeta` tal-Gvern bħala <u>proprjeta` numru J57326</u>, f'ħames okkażjonijiet differenti:*[7]

*19.1. pagament datat 12 ta' Lulju 2012 ta' €353.97 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1993 sal-31 ta' Diċembru 2011;*[8]

*19.2. pagament ieħor datat 29 ta' Jannar 2013 ta' €18.64 għall-perjodu bejn l-ewwel ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012;*

*19.3. pagament ulterjuri fit-2 ta' Ottubru 2013 ta' 18.64 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013;*[9]

*19.4. pagament ta' €18.64 fit-12 ta' Jannar 2015 għas-sena 2014;*[10] *u*

*19.5. pagament ieħor ta' €18.64 fil-5 ta' Jannar 2016 għas-sena 2015.*[11]

*20. L-ewwel pagament li sar mill-attur kien biss ftit xhur qabel ippreżenta l-kawża. Dan wara li fis-27 ta' Jannar 2012 il-kjamat in kawża bagħatlu ittra u għall-ewwel darba talbu jħallas l-arretrati li kienu dovuti.*[12] *Mistoqsi għalfejn huwa qatt ma ħallas il-qbiela qabel l-2012 l-attur wieġeb li pprova iżda ma setax għaliex mid-Dipartiment konċernat infurmawh li l-ewwel riedu jagħmlu r-riċerka tagħhom*[13] *u dak iż-żmien is-C file ma kienx għadu jeżisti.*[14]

*21. Min-naħa l-oħra l-konvenut argumenta li l-istess porzjon art tissejjaħ 'ta' Pannelli'*[15] *u li l-porzjonijiet indikati bl-isfar mill-attur ilhom jinħadmu minnu 'l fuq minn 40 sena. Jgħid li oriġinarjament l-art kienet tinħadem minn nannuh patern Paolo u wara mewtu komplew jaħdmuha bejniethom tnejn minn uliedu, Giuseppe Camilleri, missier il-konvenut, u Giovanni (John) Camilleri, missier l-attur. Il-konvenut xehed li jiftakar lil missieru Giuseppe jagħti s-sehem tiegħu tal-qbiela lil ħuh Giovanni u dan tal-aħħar kien imur iħallas il-qbiela lis-sid (l-ewwel lill-Knisja u sussegwentement lill-Gvern). Illum li missieru mejjet il-konvenut xehed li huwa jħallas is-sehem tiegħu tal-qbiela, li kienet qabel ta' missieru, lil*

---

[6] Fol. 131.
[7] Ara wkoll it-tabella ppreżentata minn Martin Bajada a fol. 436 tal-proċess 1244/2012 GM immarkata 'Dok AX1'.
[8] Fol. 8.
[9] Ara fol. 37 et seq. tal-proċess 1244/2012GM.
[10] Fol. 129 – 130 tal-proċess 1244/2012 GM.
[11] Fol. 438 tal-proċess 1244/2012 GM.
[12] Fol. 9.
[13] Fol. 333.
[14] Fol. 334.
[15] Fol. 161.

> *kuġinuh Emanuel Camilleri li wkoll jaħdem porzjonijiet mill-istess art 'ta' Pannelli'. Jgħid li dan tal-aħħar jieħu ħsieb ukoll jiġbor sehem Leli Camilleri, ħu l-konvenut, u Pawlu Camilleri (ħuh), li lkoll jaħdmu biċċiet mill-istess raba', u mbgħad iħallas l-ammont sħiħ lis-sid.*
>
> *21. Il-konvenut ippreżenta numru sostanzjali ta' ħlasijiet ta' qbiela relattivi għall-art 'ta' Pannelli' li jmorru lura sal-1890.*[16]
>
> *22. Konness mal-appell li qiegħed jiġi deċiż b'din is-sentenza hemm l-appell* ***Giuseppe sive Joseph Camilleri v. Emanuel Camilleri et*** *(1244/2012/1) deċiż illum fejn il-Qorti diġa` għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar aggravji identiċi li ressaq l-attur. Il-Qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak li qalet u sabiex tevita ripetizzjoni bla bżonn tiddikjara li l-konsiderazzjonijiet kollha li għamlet f'dik is-sentenza b'referenza għall-art ta' Taxi, jew ta' Pannelli japplikaw mutatis mutandis għall-każ in eżami. L-attur ma tax prova sodisfaċenti li missieru ċedielu l-qbiela tal-għalqa ta' Ta' Taxi jew ta' Pannelli u lanqas li huwa l-inkwilin rikonoxxut tal-istess. Għalhekk in kwantu l-kawża tirreferi għal dik l-art, ma tistax tirnexxi."*

6. Fir-rikors in kwistjoni l-attur jilmenta li s-sentenza attakkata hi l-effett ta' żball ta' fatt li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża kif imfisser fl-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 ossija illi din il-Qorti:

> *"assumiet bħala fatt illi Joseph Camilleri (ir-ritrattand) ma huwiex inkwilin rikonoxxut bħala tali tal-art u cioe l-għalqa ta' Taxi sive ta' Wied Ħattiek, u abbażi ta' tali assunzjoni l-Qorti pproċediet sabiex tiċħad l-appell propost mir-ritrattand u dan meta l-provi sija dokumentali kif ukoll dawk orali juri l-kontra."*

7. Talab għalhekk lil din il-Qorti sabiex:

> *"1. Tirrexxindi u tħassar is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tat-23 ta' Frar 2022 u dan minħabba li hija vvizjata kif ingħad hawn fuq u dan a tenur tal-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*
>
> *2. Tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni tal-istess kawża skont il-Liġi*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tar-ritrattati in subizzjoni."*

---

[16] Fol. 117 et seq.

8. L-istess talba saret ukoll fit-tliet kawżi l-oħra konnessi bin-numri 1241/2012 GM, 1242/12 GM u 1244/12 GM deċiżi wkoll illum.

9. L-Uffiċċju Konġunt wieġeb illi l-punt li dwaru ddeċidiet din il-Qorti kien wieħed kontestat mill-partijiet. Għalhekk talba għal ritrattazzjoni ma tistax tintlaqa'.

10. Il-konvenut Camilleri wkoll wieġeb illi t-talba tal-attur m'għandhiex tintlaqa' għar-raġuni li l-allegat żball ta' fatt ma jissodisfa l-ebda wieħed mill-ħames elementi kumulattivi li huma meħtieġa biex tintlaqa' talba magħmula taħt l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

11. Permezz ta' rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu, 2022, l-attur talab għar-rikuża tal-Imħallfin li qegħdin jippresjedu din il-Qorti. Talba li ġiet miċħuda b' deċiżjoni li ngħatat fit-13 ta' Ottubru, 2022.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

12. L-attur jilmenta li hemm żball ta' fatt meta fis-sentenza attakkata din il-Qorti qalet:

i. illi ma nstabet l-ebda dikjarazzjoni fil-*files* tal-kjamat in kawża fis-sens illi fl-1993 missier l-attur ċeda favur dan tal-aħħar il-qbiela tal-għalqa '*ta' Taxi' sive 'ta' Wied Ħattiek'*; u

ii. li l-provi juru anzi li missier l-attur kien baqa' jħallas kull sena l-qbiela fuq l-art '*ta' Wied Ħattiek".*

13. F' dan ir-rigward l-attur qal illi:

13.1. f' <u>paragrafu 20</u> tas-sentenza numru 1244/12, li ġie applikat *mutatis mutandis* għall-każ in eżami, din il-Qorti *"injorat għal kollox l-informazzjoni li kienet tinstab fl-istess file u dan billi tat każ biss id-dikjarazzjoni illi l-property form ma kinitx tinstab fil-file meta fil-verita jirriżulta mill-inkartament illi fil-fatt Property Form kien/jew xi darba kien hemm."* Isostni li d-dokument a fol. 41 u 42 tal-proċess numru 1244/12 jikkontradiċi dak li xehed Martin Bajada u l-konklużjoni raġġunta minn din il-Qorti. L-attur jilmenta wkoll li din il-Qorti ukoll injorat ix-xhieda tiegħu u dik ta' bosta rappreżentanti oħra tal-Gvern li kkonfermaw li huwa fil-fatt l-inkwilin rikonoxxut tal-art in kwistjoni, u li skartat għalkollox ir-rilevanza tal-*'A file'* u d-dokumenti kontenuti fih;

13.2. kuntrarjament għal dak li ngħad f'<u>paragrafi 25, 27 u 31</u> tas-sentenza numru 1244/12, li ġew applikati *mutatis mutandis* għall-każ in eżami, "*ġie debitament pruvat illi fir-riċevuti maħruġa mill-Kurja dejjem kien jinħarġu fuq Emanuel Camilleri u Giovanni Camilleri (Ziju). Emanuel Camilleri fil-kawża 1244/12 huwa iben Giovanni Camilleri u mhux in-neputi tiegħu. Għalhekk kien impossibbli illi l-Qorti tasal għal*

*konklużjoni illi Emanuel Camilleri huwa inkwilin rikonoxxut.”* Jilmenta ukoll illi *“ma teżisti l-ebda prova li fattwalment missier ir-ritrattand kompla jħallas huwa l-qbiela wara li sar it-trasferiment fuq ibnu. Anzi, x’ aktarx il-grad tal-probabbli ixaqleb lejn it-teżi illi hu ir-ritrattand, Emanuel Camilleri (KI454959M) kompla jħallas il-qbiela biex jipprova jaqliba favur tiegħu, kif prova jagħmel bix-xhieda tiegħu”*;

13.3. f’paragrafu 34 tas-sentenza numru 1244/12, li ġie applikat *mutatis mutandis* għall-każ in eżami, l-Qorti njorat ix-xhieda ta’ Martin Bajada li kkonferma li ma hemm l-ebda prassi definita ta’ kif wieħed jista’ jittrasferixxi l-qbiela tant li bidwi seta’ jmur l-Uffiċċju Konġunt u jagħmel dan bil-fomm. Jilmenta li din il-Qorti eskludiet għalkollox il-possibbilità li kien hemm żball.

14. Konness mar-rikors li qiegħed jiġi deċiż b’din is-sentenza hemm rikors identiku fil-kawża fl-ismijiet Giuseppe sive Joseph Camilleri v. Emanuel Camilleri et (1244/2012/2) deċiż illum fejn il-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet dwar l-ilmenti u t-talbiet tal-attur. Il-Qorti m’ għandhiex x’iżżid ma’ dak li qalet u sabiex tevita ripetizzjoni bla bżonn tiddikjara li l-konsiderazzjonijiet kollha li għamlet f’dik is-sentenza japplikaw *mutatis mutandis* għar-rikors in eżami ukoll. Ittenni għalhekk li l-iżball allegat mill-attur mhu xejn għajr nuqqas ta’ qbil mal-apprezzament tal-fatti li għamlet din il-Qorti. Ifallu għalhekk l-elementi meħtieġa sabiex

din il-Qorti tħassar is-sentenza attakkata a bażi tal-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talbiet tal-attur magħmula bir-rikors tal-20 ta' Mejju, 2022, bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da